MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 622/2003

***JXA Limited***

***vs***

***Euro Chemie Products Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u erbgha u disghin lira Maltin (Lm894) rappresentanti servizz ta' trasport rez mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta bejn Lulju 2002 u Frar 2003

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 576/03 u bl-imghaxijiet sad-data tal-eventwali pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tat-talba attrici pprezentata fit-23 ta' Mejju 2003 fejn l-ammont mitlub gie ridott ghal Lm786, stante pagament.

Ra l-affidavit ta' Joseph Azzopardi, direttur tas-socjeta' attrici pprezentat ukoll fit-23 ta' Mejju 2003, fejn ikkonferma bil-gurament illi l-ammont kif ridott ghadu dovut

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba, kif ridotta permezz tan-nota pprezentata fit-23 ta' Mejju 2003 u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm786), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li jgib in-numru 576/03 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------